

ORJENTAZZJONIJIET

BANK ĊENTRALI EWROPEW

LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-26 ta' Awwissu 2008

li temenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7 dwar ir-rekwiżiti ta' rappurtar ta' l-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali

(BĊE/2008/6)

(2008/758/KE)

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 5.1 u 5.2, l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7 tal-21 ta' Novembru 2002 dwar l-obbligi ta' rappurtar ta' l-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 14.1 tar-Regoli dwar Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

(2) Skond Artikolu 9 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7, il-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt li jemenda teknikament l-annessi tal-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7, iżda dawn l-emendi la għandhom ibiddu l-qafas konċettwali sottolineat u lanqas ma għandhom jaffettwaw il-piż tar-rapport.

(3) L-armonizzazzjoni ta' l-istandards ta' kodifikar ipprovduta f'din il-Linja ta' Gwida hija emenda teknika li la tibdel il-qafas konċettwali sottolineat taħt l-obbligi ta' rappurtar ta' *data* u d-derogi taħtom stabbiliti fl-Annessi I u III tal-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7 u lanqas taffettwa l-piż tar-rapport.

(4) Il-Bord Eżekuttiv ikkunsidra l-veduti tal-Kumitat ta' l-Istatistika,

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

Artikolu 1

Tibdil ta' l-istandards ta' trasmissjoni u kkodifikar

L-Anness II għall-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness għal din il-Linja ta' Gwida.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2008.

⁽¹⁾ ĠU L 334, 11.12.2002, p. 24.

⁽²⁾ Kif imniżżel fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazżjonali u reġjonali fil-Komunità (ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1).

*Artikolu 3***Indirizzati**

Din il-Linja ta' Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri li adottaw il-euro.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 26 ta' Awwissu 2008.

Għall-Bord Eżekuttiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

ANNEX

"ANNEX II

Standards fuq it-Trasmissjoni u l-Kodifikar

Għat-trasmissjoni elettronika ta' l-informazzjoni statistika kif deskritt fl-Artikolu 2, il-BĊNi għandhom jużaw il-faċilità pprovduta mis-SEBĊ, li hija bbażata fuq in-netwerk tat-telekomunikazzjoni 'SEBĊ-Net'. Il-format tal-messaġġ żviluppat għal dan l-iskambju ta' informazzjoni statistika huwa l-format 'GESMES/TS'. Kull serje temporali hija kkodifikata bl-użu ta' kontinjet ekonomiċi integrati (IEA) kif jidher hawn isfel.

Familja tal-kodiċi IEA

Numru	Isem	Deskrizzjoni	Lista tal-Kodiċi
1	Frekwenza	Tindika l-frekwenza tas-serje rapportata	CL_FREQ
2	Żona ta' referenza	Kodiċi tal-pajjiż ISO b'żewġ ċifri alfanumeriku	CL_AREA_EE
3	Indikatur ta' aġġustament	Tindika jekk ikunx għe applikat xi tip ta' aġġustament għas-serje temporali, bħal aġġustamenti staġjonali u/jew tal-jum ta' xogħol	CL_ADJUSTMENT
4	Valutazzjoni	Tipprovdi informazzjoni fuq il-valutazzjoni tal-prezz	CL_ESA95TP_PRICE
5	Transazzjoni	Tispeċifika t-tip ta' kont (jiġifieri l-karti tal-bilanċ, it-transazzjonijiet finanzjarji u flussi oħrajn)	CL_ESA95TP_TRANS
6	Assi	Jindika l-assi finanzjarju jew il-kategorija ta' dejn	CL_ESA95TP_ASSET
7	Settur	Jidentifika s-settur istituzzjonali ta' rappurtar	CL_ESA95TP_SECTOR
8	Żona tal-kontroparti	Jidentifika ż-żona ta' residenza tas-settur tal-kontroparti	CL_AREA_EE
9	Settur tal-kontroparti	Jidentifika s-settur istituzzjonali tal-kontroparti	CL_ESA95TP_SECTOR
10	Debitu/kreditu	Jidentifika (tibdil fl-) assi jew (tibdil fid-) dejn	CL_ESA95TP_DC_AL
11	Konsolidazzjoni	Jindika l-istatus ta' konsolidazzjoni	CL_ESA95TP_CONS
12	Denominazzjoni	Unità ta' kejl	CL_ESA95TP_DENOM
13	Suffiss	Jidentifika t-tabelli inklużi fil-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7	CL_ESA95TP_SUFFIX"